**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 16 ta` Marzu 2021**

**Rikors Nru. 11/2021 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru numru 159/2020**

**Yanica Muscat (K.I. 344391M)**

***kontra***

**Anthony Falzon (K.I. 159384M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Anthony Falzon ("**l-esekutat**") fit-13 ta` Jannar 2021 fejn ghar-ragunijiet li semma talab ir-revoka tal-mandat fl-ismijiet premessi ("**il-Mandat**") a tenur tal-Art 837(5) tal-Kap 12.

Rat id-dokument li kien prezentat mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Jannar 2021.

Rat ir-risposta li pprezentat Yanica Muscat ("**l-esekutanti**") fil-25 ta` Jannar 2021.

Rat illi r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-2 ta` Marzu 2021.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-istess udjenza.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

L-ezekutanti talbet u kisbet il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 159/2020 kontra l-ezekutat in kawtela tal-ammont ta` €31,500 li jirrapprezenta hlas ta` arretrati ta` manteniment ghall-minuri bin il-partijiet Kayrin Falzon Muscat ghaz-zmien ta` bejn it-twelid tieghu (23 ta` Jannar 2012) sa Ottubru 2020 skont komputazzjoni ta` €300 ghal kull xahar matul il-perijodu msemmi.

Fi procedura ta` din x-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun adita mill-procediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li ghad trid tkun deciza fil-waqt opportun. Ghalhekk il-qorti ghandha tillimita ruhha ghal ezami *prima facie* tar-ragunijiet li jingiebu ghar-revoka tal-Mandat.

L-ezekutat qed jitlob ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-**Art 837(5) tal-Kap 12**. Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm revoka jekk dan il-mandat jinhareg jew ikun ezegwit kontra persuni membri tal-Forzi Armati. Id-disposizzjoni kienet introdotta bl-Att XII tal-1985.

Fir-**Raccolta di Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile tal-Imhallef Giuseppe Cremona**, jinghad :

*Secondo le disposizioni del Codice Manoel – XII, 36 e del Codice Rohan – II, 3, 27 – I militari non potevano essere molestati personalmente per debiti civili, …"* (pag 779)

Ikompli li dan huwa bbazat fuq raguni ta` ordni pubbliku :

*"e per non distrarre i militari, per interessi puramente privati, dal servizio che esercitano o possono esercitare"* (pag 780).

Dan premess, l-ezekutat isostni li ghax huwa membru tal-AFM : **<u>fatt ippruvat bis-sahha ta` Dok E</u>** : il-Mandat ghandu jkun revokat.

**Ikkunsidrat :**

**Jirrizulta ppruvat sal-grad ta` *prima facie* li r-rikorrent huwa membru tal-AFM fil-grad ta`*Lance Bombardier* b`effett mid-9 ta` Lulju 2007. Fis-sostanza hekk biss trid il-ligi li jkun ippruvat.**

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, saret referenza mill-ezekutanti ghal disposizzjonijiet tal-Kap 220 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-qorti rat il-Kap 220.

L-**<u>Art 149 tal-Kap 220</u>** ighid :-

*(1) Meta bis-sahha ta` sentenza, digriet jew ordni iehor li jista` jigi esegwit f`Malta jkun sar ordni kontra xi persuna (hawnhekk izjed `il quddiem imsejha "il-konvenut") ghall-hlas ta` xi somma perjodika jew xi somma ohra specifikata fih ghal jew dwar –*

*(a) il-manteniment tal-mara, ulied jew axxendent tieghu ; jew*

*(b) l-ispejjez li jsiru fil-procedimenti dwar kull ordni bhal dak minn jew f`isem il-persuna li favur taghha l-ordni jkun sar,*

*u l-konvenut ikun ufficjal jew ragel tal-forza regolari, allura (kemm jekk kien kif ukoll jekk ma kienx membru ta` dik il-forza meta l-imsemmi ordni jkun sar) il-Kmandant jew xi ufficjal iehor awtorizzat minnu jista` jordna li dik is-somma ghandha titnaqqas mill-paga tal-konvenut u*

*approprjata bhala hlas jew bhala parti mill-hlas tal-ammont dovut skont l-ordni tal-qorti kif il-Kmandant jew l-ufficjal jidhirlu xieraq.*

*(2) Meta qorti li taghmel ordni skont l-artikolu 381(3) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, jew li tibdel jew thassar xi ordni bhal dak tkun taf, li l-konvenut ikun ufficjal jew ragel tal-forza regolari l-qorti ghandha ggieghel lir-registratur tal-qorti li jibghat kopja tal-ordni lill-Kmandant jew lill-ufficjal awtorizzat minnu.*

*(3) Il-Kmandant jew l-ufficjal awtorizzat minnu jista` b`ordni jibdel jew ihassar kull ordni li jkun gie maghmul qabel bis-sahha ta` dan l-artikolu, u jista` jqis kull ordni maghmul skont dan l-artikolu bhala sospiz f`kull zmien fil-waqt li l-persuna li kontriha jkun sar l-ordni tkun nieqsa kif imsemmi fl-artikolu 144 (1)(a).*

Jirrizulta li l-kawzali tal-ezekutanti sabiex titlob u tikseb il-hrug tal-Mandat kienet l-ittra ta` medjazzjoni.

*Prima facie* ma jirrizultax li kien hemm provvediment skont l-Art 381(3) tal-Kap 12. Ghalhekk l-Art 149 et seq m`ghandhomx jigu nvokati. L-argumenti tal-ezekutanti huma nfondati fid-dritt.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premess, il-qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent/ezekutat Anthony Falzon kif dedotta, spejjez ghall-intimata/ezekutanti Yanika Muscat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**